**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 2 ta' Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 35/2016JVC**

**Sharon Rose Roche nee' Bellamy**

**Vs**

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali u l-Avukat Jean Paul Grech in rapprezentanza tal-imsiefer Dean Michael Roche**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:-

1. Illi permezz ta' digriet tat-12 ta' Settembru 2014, tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, fl-atti tal-proceduri ghas-separazzjoni personali kkonfermat bid-digriet sussegwenti tal-istess Qorti tat-3 ta' Marzu 2015 l-esponenti nghatat il-kura u l-kustodja *pendente lite*.

2. Illi permezz ta' rikors sussegwenti l-imsemmi Dean Michael Roche talab ir-revoka tal-istess digriet illi gie michud.

3. Illi l-istess Dean Michael Roche ippartecipa fil-proceduri ta' medjazzjoni pendenti quddiem il-Qorti t'Ghawdex fuq imsemmija illi eventwalment wasslu ghall-kawza ta' separazzjoni quddiem l-istess Qorti fl-ismijiet Roche Sharon Rose nee' Bellamy vs Roche Dean Michael differita ghall-31 ta' Ottubru 2016.

4. Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri hemm providiment dwar il-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll il-kollokazzjoni tad-dar matrimonjali kif ukoll provediment dwar manteniment li l-istess

Dean Michael Roche gie ordnat ihallas u fil-fatt qed ihallas lill-esponenti u fl-ebda mument il-konvenut, cioe' Dean Michael Roche, f'dawn il-proceduri ma eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, anzi sa mill-bidu kien u baqa' jippartecipa f'dawn il-proceduri minghajr ma qajjem l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, anzi skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-30 ta' Ottubru 2015 gie kkonfermat li "il-missier ma kellux problema li l-Qrati Maltin jiddeciedu l-kawza ta' separazzjoni li fethet martu hamest ijiem wara li nizlet Ghawdex inkluz il-vertenza dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel u d-drittijiet ta' access [...]".

5. Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri ta' separazzjoni u meta kien evidenti hafna li l-missier kien issoggetta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta, id-direttur konvenut istitwixxa proceduri b'talba ghar-ritorn tal-minuri fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tar-Renju Unit a tenur tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba tad-direttur konvenut giet michuda b'sentenza tal-Prim Istanza tal-24 ta' Lulju 2015 izda rovexxata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 t'Ottubru 2015 li dwarha llum hemm ukoll proceduri ghar-ritrattazzjoni.

6. Illi oltre dan f'kawza kostituzzjonali li l-attrici stitwit kontra l-Avukat Generali u l-konvenut biex jigi dikjarat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija tat-30 ta' Ottubru 2015 tilledi d-dritt fundamentali taghha u ta' binha ghad-dritt ta' privatezza u familja sancit mill-artikolu 8 tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali 1950 l-istess Dean Michael Roche intervjena *in statu et terminis* f'dawk il-proceduri.

7. Illi la darba l-missier accetta li l-kwistjoni matrimonjali bejnu u bejn l-attrici u l-kwistjonijiet kollha li johorgu minnha kellhom jigu trattati u decizi mill-Qrati Maltin huwa evidenti li l-proceduri stitwiti mill-konvenut Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali a tenur tal-Kap.410 tal-Ligijiet ta' Malta huma bla bazi, illegali, irritwali u nulli ghaliex il-provvedimenti tal-Hague Convention 1980 u dawk tal-Brussels II Regulations rigward ir-ritorn tal-minuri f'kaz ta' rimuzzjoni jew tnehhija llegali ma japplikawx ghaliex il-parti li a distanza taghha tkun

saret it-talba ghar-ritorn tkun effetivament irriduciet dik it-talba u l-proceduri li jsegwu maghha inutli u bla bazi.

8. Illi konsegwentament il-proceduri stitwiti mill-konvenut taht il-Kap. 410 bir-rikors quddiem il-Qorti ghall-Magistrati Ghawdex, App 10/2015(PC) fl-ismijiet Direttur ghad-Dipartiment fl-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Rose Roche nee Bellamy huma ghalhekk irriti, illegali u nulli ghaliex jiksru l-ispirtu u l-iskop tal-Hague Convention 1980 u Brussels II regulations ghal dik li hija r-ritorn tal-minuri, kif ukoll l-istess provvedimenti billi jmorru dijametrikament kontra l-provvedimenti tal-istess strumenti nternazzjonali.

9. Illi ghalhekk hemm lok li jigi dikjarat li l-imsemmija proceduri mibdija permezz tar-rikors numru 10/2015PC fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Roche Sharon Rose nee' Bellamy jigu dikjarati llegali ghax kontra l-ligi, irritwali, nulli u ghalhekk minghajr effett legali.

10. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-proceduri ghar-ritorn tat-tifel Kaden Mario Roche mibdija permezz tar-rikors numru 10/2015PC fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Roche Sharon Rose nee' Bellamy bhala llegali, irritwali u nulli u ghalhekk minghajr effett legali.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-avukat Dottor Jean Paul Grech fil-kwalita tieghu ta' mandatarju specjali ta' Dean Michael Roche ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Dean Michael Roche li eccepixxa:

1. Illi qabel xejn din ir-risposta guramentata qeghdha tigi prezentata mill-esponenti minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni tieghu dwar ir-ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit u minghajr m'huwa qieghed b'xi mod jirrinunzja ghall-effetti tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell

tat-tletin (30) ta' Ottubru 2015, liema sentenza ordnat ir-ritorn tat-tifel lejn ir-Renju Unit. Il-partecipazzjoni tieghu f'dawn il-proceduri hija ntiza biss u limitatament biex jizgura li fl-ahhar mill-ahhar tali ordni moghtija mil-Qorti tal-Appell skont il-Konvenzjoni ta' De Hague u l-Brussels II tigi esegwita u li ma jkunx hemm aktar tfixkil ghall-esekuzzjoni tal-istess;

2. Illi ghal din il-kawza hemm l-ostakolu tal-gudikat li skont id-duttrina u l-gurisprudenza (inkluz gurisprudenza Maltija) dan joqtol id-diskussjoni mhux biss ta' dak li gie effettivament diskuss fl-ewwel kawza, imma wkoll ta' dak li messu jew seta' gie diskuss kif wkoll dak li kien necessarjament involut;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-*"eccezzjoni ulterjuri"* li qeghdha tigi proposta mir-rikorrenti b'din l-istanza ghall-proceduri tar-ritorn tat-tifel lejn ir-Renju Unit u cioe' li l-esponenti accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, kellha tinghata tul is-smigh tal-kawza fl-ismijiet *Id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs Sharon Roche nee Bellamy (Rikors Nru 10/2015)* fil-kors ta' dawk il-proceduri. La darba din l-eccezzjoni ma nghatatx, ir-rikorrenti effettivament irrinunzjat ghal din l-*"eccezzjoni ulterjuri"* u hija prekluza milli hija tqajjimha b'talba *ad hoc* wara li tali proceduri ghar-ritorn gew konkluzi b'mod definittiv;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghas-semplici raguni li l-esponenti sa mill-ewwel gurnata li huwa sar jaf bil-proceduri ta' separazzjoni li kienet istitwiet martu f'dawn il-gzejjer huwa dejjem ghamilha cara u anke insista li jkun hemm ir-ritorn ta' ibnu Kaden Roche lejn ir-Renju Unit. Dan ghaliex ir-rikorrenti kienet zammet lit-tifel minuri tal-kontendenti f'dawn il-gzejjer minghajr il-kunsens tal-missier. Ghaldaqstant ma kien hemm xejn illegali, irritwali u null fil-proceduri li stitwixxa d-Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali li eccepixxa:

Tesponi bil-qima u Carmen Buttigieg fil-kapacita' taghha ta' Direttur tad-Dipartment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali bil-gurament taghha tiddikjara:

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponent umilment jitlob ir-rikuza tal-Magistrat sedenti stante li diga' ppronunzjat ruhha fuq il-kwistjoni ta' rinunzja ta' gurisdizzjoni min-naha tal-missier. Din il-Qorti kif preseduta kienet iddecidiet fit-3 ta' Marzu 2015 fl-ittra ta' Medjazzjoni 66/2014 fl-ismijiet Sharon Rose Roche nee Belamy vs. Dean Michael Roche li 'This Court also notes that by filing his reply on the 3rd of December, 2014 and by being actively represented during the sitting on the 16th of December, 2014 respondent renounced to his rights to oppose to the jurisdiction of this Court over the matters in issue' u ghaddiet biex taghti d-digriet taghha. Filwaqt li l-esponenti ghandha fiducja shiha f'din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, xorta pero' temmen li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz sabiex l-istess gustizzja tidher li tkun qeghdha ssir, ikun opportun li dan ir-rikors guramentat jinstema' u jigi deciz minn gudikant iehor.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jeccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti stante li, hekk kif indikat fir-**Regola 18 tal-Avviz Legali 396 tal-2003 (L.S. 12.19 Ordni dwar it-twaqqif ta Sezzjoni tal-Qrati Civili)**, il-Qorti li tizgura li tosserva d-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja.

3. Illi in vena preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegar ta' processi ma jsirux billi jigu mnizzla fl-elenku tad-dokumenti izda billi ssir talba formali lill-Qorti u fejn il-kontroparti jkollhom l-opportunità jsemmghu l-fehmiet taghhom. Illi minghajr pregudizzju jigi nnutat ukoll li mal-elenku tad-dokumenti esebiti hemm mizjud il-processi tal-kawza fl-ismijiet Sharon Rose Roche pro et noe vs. Avukat Generali et, liema proceduri ghadhom qed jinstemghu quddiem il-Qorti kompetenti ghaldaqstant l-allegar tieghu huwa mpossibli li jsir u li se mai ghandha ssir talba sabiex tigi ezebita kopja.

4. Illi *in linea* preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi l-improponibilita' tal-azzjoni odjerna stante li dak mitlub mill-attrici huwa wiehed vag. Illi l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car liema huma dawk il-provvedimenti li gew miksura mill-esponenti bl-intavolar tal-proceduri stitwiti taht l-Kap 410 u f'dan ir-rigward meta l-attrici tottempra ruhha ma' dan, l-esponenti jirrizerva li jirrispondi ulterjorment jekk ikun il-kaz.

5. Illi in linea preliminari wkoll, dina l-azzjoni tmur kontra l-principju u l-finalita' tar-*res judicata*. Illi l-kawza fl-ismijiet ***Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali vs. Sharon Rose Roche*** (10/15PC) hija wahda li ghaddiet in gudikat u dan wara li l-Qorti tal-Appell fid-17 ta' Mejju 2016 fi proceduri ta' ritrattazzjoni kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 t'Ottubru 2015 fejn ordnat ir-ritorn lejn l-Ingilterra tal-minuri Kaden Mario Roche.

   Illi m'ghandux jigi permess li sentenza li tkun marret in gudikat, f'dan il-kaz minn qorti sede superjuri, terga' tigi mistharga minn qorti f'sede inferjuri. Ic-certezza legali hija ordni pubblika u ghandha tigi salvagwardjata mill-Qrati stess u kwalunkwe abbuz ghandu jigi kkontrollat minn dik il-Qorti li quddiemha qed issir dak l-abbuz.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in vena preliminari, la darba l-eccezzjoni tal-nullita' tal-azzjoni qatt ma tqajmet waqt il-proceduri li kienu jikkoncernaw lil dik l-azzjoni, allura dan ifisser li Sharon Rose Roche, l-intimata f'dawk il-proceduri rrunzjat ghal dik l-eccezzjoni liema eccezzjoni se mai kellha tkun wahda preliminari f'dawk il-proceduri u mhux wara li l-proceduri ghaddew in gudikat u abbazi ta' ripensament issir kawza bhal dik odjerna msejsa fuq l-eccezzjoni tan-nullita' u dan ghal ghan ahhar li jittawwal iz-zmien sabiex tigi esegwita sentenza tal-Qorti tal-Appell li hija wahda finali.

7. Illi l-principju ta' rinunzja wara l-gudikat johrog ferm car minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) moghtija mill-Imhallef Philip Sciberras fl-14 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet

***Alfred u Alice konjugi Brown vs. Androxa Furniture Limited*** (Cit Nru 1866/2004/1) li tghid is-segwenti:

> "Il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li in mertu ghall-azzjoni kien imissha jew setghet tigi sollevata in relazzjoni ma' l-azzjoni stess, bil-konsegwenza li mhumiex ammissibbli eccezzjonijiet godda li jkollhom bhala effett li jannullaw jew jillimitaw l-effetti ta' dak il-gudikat" (Kollez. Vol. XL P I p 555 u wkoll mill-istess Volum pagna 65)

Dan ifisser ghalhekk li din l-Onorrabli Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talba in vista tal-fatt li kienet eccezzjoni li giet assorbita mal-gudikat.

8. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Illi xejn m'hu minnu li 'la darba l-missier accetta li l-kwistjoni matrimonjali bejnu u bejn l-attrici u l-kwistjonijiet kollha li johorgu minnha kellhom jigu trattati u decizi mill-Qrati Maltin'. L-artikolu applikabbli hawnekk huwa l-Artikolu 10 tar-Regolament li jistabbilixxi liema hija dik il-gurisdizzjoni f'kazijiet ta' htif ta' minuri, u cioe' dak l-iStat li fih il-minuri ghandu r-residenza abittwali.

10. Illi l-punt li fuqha qed tigi bbazata n-nullita' diga' gie trattat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-17 ta' Mejju 2016 fejn qalet is-segwenti:

> Fir-rikors tal-appell sar l-argument li ghal dan il-kaz japplika Artikolu 12 tar-Regolament 2201/2003 (Prorogation of Jurisdiction), u li gialadarba l-missier accetta l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin biex tigi deciza l-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri allura l-Konvenzjoni tal-Ajja ma tapplikax. Pero' dan hu kaz ta' child abduction, u ghalhekk japplika l-Artikolu 10 tar-Regolament (***Jurisdiction in cases of Child Abduction***). Provvediment li jidher li hu ntiz sabiex ma jippermettix li l-gurisdizzjoni tinbidel permezz ta' htif.

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-ritorn mill-esponenti saret fit-2 ta' Frar 2015, waqt li l-azzjoni ghal separazzjoni giet formalment istitwita fit-2 ta' Lulju 2015, proprju wara li bdiet il-kawza ghal ritorn. Huwa minnu li l-procedura ta' medjazzjoni bdew fl-20 t'Awwissu 2014 izda kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja fis-sentenza taghha tal-24 ta Lulju 2015 (Cit Nru 10/2015) '*the fact that the father was trying to reach an amicable solution to this problem did not amount to such acquiesence*'. Madankollu dak li kellu jigi ezaminat fil-proceduri ta' ritorn istitwiti mill-esponenti kien relattiv u cirkoskritt ghall-mument tar-rimozzjoni jew ritenzjoni llecita. F'dak il-mument ma hemm l-ebda dubju li l-kura u kustodja kienet wahda kongunta bejn il-genituri tal-minuri. Illi l-missier ma ghamel l-ebda att li permezz tieghu jwassal ghall-akkwijixxenza ta' stat ta' illegalita': il-missier dejjem kien konsistenti fl-agir tieghu u li certament li qatt ma ssokkomba ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati nostrana. Aktar minn hekk ghal dak li jirrigwarda t-thaddim tal-Konvenzjoni tal-Aja dak li ghamlet l-attrici wara li hadet il-ligi f'idejha ma jistax jintuza sabiex 'jissana' llegalita'.

12. Illi l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-Artikolu 16 tipprovdi li 'Wara li jkunu rcevew l-avviz ta' rimozzjoni jew ritenzjoni llecita ta' minuri ghat-tenur tal-Artikolu 3, l-awtoritajiet gudizzjarji jew amministrattivi tal-Istat Kontraenti fejn ikun ittiehed jew inzamm il-minuri m'ghandhomx jiddeciedu fuq il-mertu tad-drittijiet tal-kustodja qabel ma jigi deciz illi l-minuri m'ghandux jigi ritornat taht din il-Konvenzjoni jew kemm-il darba ma ssirx applikazzjoni skont din il-Konvenzjoni fi zmien ragonevoli minn meta jkunu ircevew l-avviz.' Il-preambolu 17 tar-Regolament 2201/2003 jispjega li 'F'kazijiet ta' tnehhija jew zamma ngusta ta' minuri, ir-ritorn ta' l-minuri ghandu jinkiseb minghajr dewmien, u ghal dan il-ghan ghandha tkompli tapplika l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-25 ta' Ottubru 1980 kif kumplementata mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u partikolarment l-Artikolu 11.' Ghaldaqstant l-Artikolu 16 huwa perfettament applikabbli ghall-kaz odjern.

13. Illi l-iskop wara dak l-Artikolu huwa proprju sabiex jipprotegi l-interess tal-minuri u jigu sospizi kull azzjoni li tirrigwarda lilu.

Ghalhekk mill-bidunett ma kellhomx jinfethu proceduri mir-rikorrenti kontra l-intimat Dean Michael Roche.

14. Illi l-esponent huwa moghti s-setgha taht ir-Regolament kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Aja sabiex jistitwixxi proceduri ghal ritorn tal-minuri wara li tkun saret talba mill-*left behind parent.* Dan ifisser ghalhekk li a contrario ta' dak li qieghed jinghad mill-attrici, il-proceduri bir-rikors numru 10/2015 PC huma legali u ai termini tal-ligi.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Gunju, 2016 Dr. Alfred Grech ghan-nom tal-attrici ddikjara u talab kif isegwi:

'Since the Maltese Courts who have dealt with the question of the return of the minor child Kayden Mario Roche to England have failed to address one fundamental question which is a question of the European Law, the applicant is submitting a question which should be referred to the CJEU in term of Art 267 of the Tretay (TFEU) the applicant is indicating the question which should be refered to avoid confusion or misapplication of the law in this matter. The question to be refered is:

Does the application of Art 12 of Council Regulation (EC) no. 2201 of the 27$^{th}$ November 2003 have the effect of superseding and excluding the provisions of articles 10 and 11 of the said Regulation to the extent that, once the jurisdiction of the Courts of a Member State has been accepted expressly or otherwise in an unequivocal manner by all the parties to the proceedings at the time the court is seized, and is in the best interest of the child as provided by Art 12 of the same Regulation, to such an extent that if proceedings are instituted at the instance of one of the parties who has accepted the jurisdiction of aforesaid for the return of the child under Articles 10 and 11 of the said Council Regulation to a Member State which is allegedly the state of the 'habitual residence' of the child and do such return proceedings become irrelevant, superfluous and therefore are to be stayed and become without legal affect?"

Rat illi fl-istess verbal gew irtirati l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni mqajjma mid-Direttur konvenut;

Rat illi fl-istess verbal il-kawza giet differita ghad-decizjoni preliminari u digriet jekk ikun il-kaz dwar il-hames eccezzjoni tad-Direttur konvenut, it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Roche u dwar il-kwestjoni tar-referenza mitluba mill-attrici.

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna kif ukoll tal-atti kollha annessi 10/2015, 12/2015, 81/2015 u 66/2014 li l-allegazzjoni taghhom giet awtorizzata minn din il-Qorti fl-istess verbal tal-15 ta' Gunju, 2016;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija decizjoni preliminari dwar eccezzjoni ta' *res judicata* mqajjma miz-zewg konvenuti fil-konfront tal-attrici kif ukoll f'kaz li l-eccezzjonijiet jigu michuda, din il-Qorti hija mitluba li taghti decizjoni dwar jekk ghandhiex issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) kif mitluba permezz tal-verbal datat 15 ta' Gunju, 2016 fol. 33 a et seq tal-process.

Illi l-fatti fil-qosor huma li Sharon Rose Roche nee' Bellamy u Dean Michael Roche huma mizzewgin u minn dan iz-zwieg twieled il-minuri Kayden fil-Gzira ta' Ghawdex li llum ghandu hames (5) snin. Wara t-twelid tal-minuri l-koppja Roche marru jirrisjedu fir-Renju Unit u t-tnejn li huma kienu jahdmu f'dak il-pajjiz. Fl-istess hin il-koppja xtraw ukoll residenza fil-gzira ta' Ghawdex filwaqt li l-attrici kellha wkoll proprjeta' parafernali taghha f'Ghawdex. Fis-sajf tas-sena 2014 l-attrici kellha bzonn tigi ghal ftit gimghat Ghawdex sabiex tiehu hsieb l-ommha li kellha taghmel operazzjoni u dan ghamlitu bil-konoxxenza u l-kunsens tal-konvenut Dean Michael Roche. Hija giet fil-gzira ta' Ghawdex flimkien ma' binha minuri Kayden. Fil-mument li giet hawn l-attrici ssostni li ddecidiet li z-zwieg taghha mal-konvenut ma setax ikompli allegatament ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut fosthom il-vizzju tax-xorb. Issostni ghalhekk li hija ddecidiet li tibqa' tghix fil-gzira ta' Ghawdex u fethet proceduri ta' separazzjoni tista' tghid ftit jiem wara li

giet fil-gzejjer Maltin permezz ta' medjazzjoni. *Pendente lite* l-attrici talbet il-kura u l-kustodja tal-minuri Kayden liema talba giet milqugha permezz ta' digriet provizorju datat 12 ta' Settembru, 2014. Sussegwentement jirrizulta li Dean Michael Roche gie notifikat bil-medjazzjoni u gie wkoll intavolat rikors ghar-revoka tad-digriet provizorju dwar il-kura u l-kustodja li ma giex milqugh. Il-medjazzjoni evolviet f'digriet ghall-hlas provizorju ta' manteniment mill-konvenut lill-attrici ghall-wild minuri u wasslet ukoll sabiex giet prezentata kawza ta' separazzjoni fil-konfront tal-konvenut fejn il-konvenut f'dak l-istadju ma oggezzjonax ghall-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin ghal dik li hija separazzjoni izda zamm ferm id-drittijiet tieghu ghall-kawza sabiex jigi ritornat il-minuri li fil-frattemp kienet intavolata mid-direttur konvenut kontra l-attrici. Konsegwenti ghal dan kollu gew intavolati numri ta' kawzi, anki kostituzzjonali li lkoll jinsabu allegati mal-process odjern.

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed tallega li d-Direttur intimat ma setax jipprocedi bil-kawza ghar-ritorn tal-minuri ghaliex skont hi l-missier "accetta" l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin u ghalhekk tishaq li l-proceduri mehuda mid-Direttur konvenut huma nulli. Hija ssemmi diversi stadji fejn il-konvenut missier ghandu jitqies jew jista' jitqies li accetta l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin fosthom fl-istadju tal-medjazzjoni, fir-risposta tieghu ghall-kawza tas-separazzjoni kif ukoll mat-talba tieghu sabiex jintervjeni fil-kawza kostituzzjonali li ntavolat l-attrici. Issostni wkoll li l-konvenut ma kellu l-ebda jedd fil-ligi li jaghzel li jaccetta l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin ghal dik li hija separazzjoni personali bejn il-partijiet izda jeskludi l-gurisdizzjoni fuq il-kwistjoni tar-ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit li fil-bidu tal-medjazzjoni kienet ghadha ma gietx intavolata filwaqt li mal-intavolar tal-proceduri kontensjuzi ta' separazzjoni l-kawza ghar-ritorn tal-minuri kienet pendenti.

Illi skont l-attrici minhabba l-allegata accettatazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, legalment ma setghux jigu applikati l-Hague Convention 1980 u l-Brussels II Regulations u per konsegwenza l-proceduri li ttiehdu mid-Direttur konvenut sabiex il-minuri jigi ritornat lura lejn ir-Renju Unit huma llegali, irritwali u nulli u appuntu qed titlob li din il-Qorti tiddikjara bhala llegali, irriti u nulli tali proceduri.

Da parti taghhom il-konvenuti jsostnu li l-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni kienet gia gie sollevata mill-attrici odjerna fil-kawza tar-

ritorn tat-tifel intavolata mid-Direttur konvenut u gew sahansitra decizi fil-proceduri ta' ritorn tat-tifel.

Illi bejn il-partijiet, fost ohrajn, jirrizulta li precedentement ghall-kawza odjerna kien hemm pendenti l-kawzi segwenti u nghatat id-decizjoni segwenti:

(1) Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja fl-24 ta' Lulju 2015 ghar-rikors originali tar-ritorn (Rikors Numru 10/2015), f'liema decizjoni l-Qorti kienet cahdet it-talba ghar-ritorn. Ic-cahda kienet ibbazata fuq l-artikolu 13(b) tal-Hague Convention u l-artikolu 11(4) tal-Council Regulation 2201/2003 bil-parti rilevanti ghall-kawza odjerna tkun dik li ssegwi:

*'Consent for removal and acquiescence in the retention of the child:*

*"Respondent argues also that her husband then acquiesced to the retention of the child in these islands as he only requested the present proceeding in December of last year, when his child had been in Gozo since August. He also accepted the jurisdiction of the Maltese Courts when he participated in mediation proceedings initiated by her before this Court and even visited his son, with his wife's approval, while on the island. However, as rightly pointed out by applicant, the fact that the father was trying to reach an amicable solution to this problem did not amount to such acquiescence. Furthermore it was only natural for him to want to see his son and his contacts with his wife for such a purpose should not be interpreted as acquiescence. As clearly stated by Lord Browne-Wilkinson in Re H and Others (minors) (Abduction: Acquiescence): "Although each case will depend on its own circumstances, I would suggest that judges should be slow to infer an intention to acquiesce from attempts by the wronged parent to affect a reconciliation or to reach an agreed voluntary return of the abducted child. The Convention places weight on the desirability of negotiating a voluntary return of the child: See Art 7(c) and Art 10... Attempts to produce a resolution of problems by negotiation or through religious or other advisors do not, to my mind, normally concede an intention to accept the status quo if those attempts fail. It is for the judge, in all the circumstances of the case, to attach such weight as he thinks fit to such factors in reaching his findings as to the state of mind of the wronged parent."*[1]

[1] Riportata f'pagna 9 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghar-rikors numru 10/2015 deciz fit-30 ta' Ottubru 2015.

(2) Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-tletin (30) ta' Ottubru 2015 in segwitu ghall-appell li sar mid-Direttur intimat wara d-decizjoni tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Lulju 2015 fejn giet revokata d-decizjoni tal-Ewwel Qorti u milqugha t-talba sabiex il-minuri jigi ritornat fir-Renju Unit fejn il-parti rilevanti ghall-kawza odjerna taqra kif isegwi:

*"36. Fit-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-Omm tissottometti li l-Missier accetta l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin bil-fatt li huwa "is participating fully" fil-proceduri tas-separazzjoni inizjati mill-Omm fil-Qorti ta' Ghawdex minghajr ma ssolleva l-vertenza dwar il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Hija tghid li b'dan il-fatt huwa ssottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u li dan jammonta ghall-akkwijexxenza da parti tieghu. Hija tkompli tispjega hekk dan l-aggravju:*

*"Participating in court proceedings in a certain jurisdiction without raising the issue of jurisdiction as a preliminary matter is not trying to find an amicable solution but participating in the litigation with the full knowledge that one is accepting the jurisdiction of the Court he is litigating in front of [sic]. The question between respondent and Dean Michael Roche is no longer in the stages of mediation."*

*37. Dwar dan, din il-Qorti tibda biex ticcita t-tieni eccezzjoni tal-Missier u l-ghaxar paragrafu tar-risposta guramentata tieghu fil-kawza tas-separazzjoni:*

*"2. Illi huwa jopponi sabiex il-kura u l-kustodja tal-iben minuri Kaden Mario Roche tkun unikament f'idejn ir-rikorrenti. Il-kura u kustodja tal-wild minuri ghandha tkun kongunta f'idejn iz-zewg partijiet u ghandhom jigu stabbiliti hinijiet u modalitajiet ta' access. Tali access ghandu ukoll jinkludi zjajjar tal-minuri fir-Renju Unit ……. Dan fl-eventwalita' li jigi deciz li l-minuri ghandu jibqa' jghix hawn Ghawdex u ma tintlaqax it-talba tal-missier sabiex it-tifel jirritorna lura lejn ir-Renju Unit."*

*"10. Din ir-risposta guramentata qeghdha tigi prezentata minghajr pregudizzju ghall-appell numru 10/2015 fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment ghall-istandards fil-Harsien tal-Familja vs Sharon Rose Roche nee Bellamy, liema appell jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u f'liema proceduri qieghed jintalab li Kaden Mario Roche jigi ritornat lura l-Ingilterra stante li nzamm hawn Malta minghajr il-kunsens tal-missier."*

*38. Mill-premess jirrizulta car li, ghalkemm il-Missier ma kellux problema li l-qrati Maltin jiddeciedu l-kawza tas-separazzjoni li fethet martu hamest ijiem*

*wara li nizlet Ghawdex, inkluza l-vertenza dwar il-kura u kustodja tat-tifel u d-drittijiet tal-access, izda xorta wahda zamm impregudikata t-talba tieghu maghmula f'dawn il-proceduri ghar-ritorn tat-tifel. Mit-termini tal-eccezzjoni tieghu jirrizulta manifest li huwa kien qed jikkondizzjona l-accettazzjoni tieghu li l-vertenza tigi deciza mill-qrati Maltin kemm-il darba t-talba tieghu, maghmula precedentement ghar-risposta guramentata, dwar ir-ritorn tal-minuri tigi michuda.*

*39. Il-premess juri bic-car li ma kienx hemm akkwijexxenza da parti tal-Missier ghar-ritenzjoni tat-tifel tieghu f'Malta u l-provi juru li, minkejja li fil-proceduri ta' separazzjoni nizjati mill-Omm fil-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] huwa ma kkontestax il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti ghal dawk il-proceduri, izda fl-istess proceduri, permezz tar-risposta prezentata minnu, huwa ndika b'mod car li huwa ried li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx deciza minn dik il-Qorti u kien baqa' jinsisti li t-tifel jigi ritornat lura l-Ingilterra. Jirrizulta ghalhekk car u nekwivokabilment li huwa kellu l-intenzjoni li jkompli jasserixxi d-dritt tieghu ghar-ritorn tal-minuri. Dan johrog car mit-termini tar-risposta guramentata u b'mod partikolari mill-paragrafu 10 tal-istess risposta.*

*40. Ghaldaqsant dan l-aggravju qed jitqies infondat u qed jigi michud."*

(3) Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell wkoll fis-sbatax (17) ta' Mejju 2016 in segwitu ghat-talba ghar-ritrattazzjoni li saret mir-rikorrenti odjerna wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-tletin (30) ta' Ottubru 2015 fejn giet konfermata l-validita' tad-decizjoni precedenti tal-Qorti tal-Appell fejn fil-parti rilevanti ghall-kawza odjerna jinghad kif isegwi:

*"Din il-Qorti ezaminat il-lanjanza tar-ritrattandi u tghid mill-ewwel li ma irravizat ebda zball ta' fatt fis-sentenza attakkata. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha, rat li l-missier accetta l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Ghawdex ghall-fini ta' separazzjoni personali bejnu u martu, u interpretat dan il-fatt bhala li ma jeskludix li l-minuri, li qed jinzamm hawn Malta illecitament, jigi ritornat lejn l-Ingilterra. Wiehed jista' ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni, pero', ma jistax jinghad li, fuq il-fatti, sar zball"*[2]

[2] Pagna 28 tad-decizjoni dwar ir-rikors ta' ritrattazzjoni moghtija fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016.

*"Jigi rilevat illi dak li kellha quddiemha din il-Qorti kien biss talba ghar-ritorn tal-minuri lejn il-pajjiz fejn ghandu r-residenza ordinarja tieghu. Din tista' titqies bħala "faccata wahda" tal-problemi u l-kwistjonijiet li ghandhom il-partijiet, pero', il-kawza ma hijiex intiza biex tiddetermina xi wahda minn dawn il-problemi. Din il-Qorti semplicement accertat ruhha li l-minuri kien qed jinzamm Malta illeċitament, skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Ajja tal-1980, u ordnat ir-ritorn tieghu lejn pajjizu. Ir-Regolament 2201/2003 tal-Unjoni Ewropeja jitkellem fost oħrajn, fuq kawzi intizi ghad-determinazzjoni ta' min ghandu jkollu l-kura u l-kustodja tal-minuri, izda din il-kawza ma ghandhiex dan il-fini, u lanqas ma hi intiza biex tigi stabbilita xi responsabbilita' ta' wiehed mill-genituri lejn il-minuri. Fuq kollox dan l-istess Regolament jikkumplimenta l-Konvenzjoni tal-Ajja, u hu rilevanti l-Artikolu 11 tar-Regolament li jitratta dwar ir-ritorn ta' minuri lejn l-istat membru ta' origini f'kaz ta' htif. Il-Konvenzjoni tal-Ajja, u l-Att lokali dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri (Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta) jobbligaw l-istat fejn il-minuri jinstab sabiex jordnaw ir-ritorn tieghu lejn l-istat tar-residenza abitwali tieghu, appuntu sabiex il-kwistjoni ta' responsabbilita' tal-genituri tigi determinata quddiem il-Qorti kompetenti, u mhux, kif qed titlob ir-rikorrenti ritrattandi f'dan il-każ, quddiem il-Qorti ta' Ghawdex. L-ordni provizorja ta' kura u kustodja li nghatat f'dan il-kaz mhux ta' ostakolu ghal dan il-process, ghax hi ordni temporanja sabiex fil-frattemp jigu salvagwardati l-interessi tal-minuri.*

*Fir-rikors tal-appell sar l-argument li ghal dan il-kaz japplika Artikolu 12 tar-Regolament 2201/2003 (Prorogation of Jurisdiction), u li gialadarba l-missier accetta l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin biex tigi deciza l-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri allura l-Konvenzjoni tal-Ajja ma tapplikax. Pero' dan hu kaz ta' child abduction, u ghalhekk japplika l-Artikolu 10 tar-Regolament (Jurisdiction in cases of Child Abduction). Provvediment li jidher li hu ntiz sabiex ma jippermettix li l-gurisdizzjoni tinbidel permezz ta' htif. Dan apparti li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza precedenti kkonsidrat l-allegata akkwijexxenza tal-missier biex it-tifel jibqa' Ghawdex u kkonkludiet li f'dan il-kaz ma kienx hemm kunsens tal-missier."*[3]

Illi jirrizulta li fir-rikors ta' ritrattazzjoni l-attrici kienet originarjament inkludiet ukoll aggravju li kien jaqra kif isegwi:

*"Illi hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza u tas-sentenza fuq imsemmija a bazi tal-artikolu 811(c) li jipprovdi li hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk is-*

[3] Pagna 31 u 32 tad-decizjoni dwar ir-rikors ta' ritrattazzjoni moghtija fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016.

*sentenza tkun moghtija minn Qorti nkompetenti minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni kif hemm imsemmi fil-paragrafu (a) tal-artikolu 741, basta li qabel ma tkun giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompentenza."*

Konsegwentement dan l-aggravju gie rtirat mill-attrici fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju 2016. **Ghaxart ijiem wara li gie rtirat dan l-aggravju fil-kawza ta' ritrattazzjoni l-attrici pprezentat il-kawza odjerna bit-talbiet kif gia suesposti.**

**Bazi Legali tar-Res Judicata**

Illi huwa ben stabbilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe' dawk definiti bhala l-"*eadem causa petendi, eadem personam u eadem res*" u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali. Fin-nuqqas li jikkonkorru t-tliet elementi ma jkunx jista' jinghad li l-haga hija l-istess - *nisi omnia concurrunt, alia res est.*

Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' *res judicata* kif sancit fl-artikolu 730 tal-Kap.12 l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza[4].

Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et**[5] intqal li:-

*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti.........."*

[4] **Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe A.K. deciza fl-10 ta' Dicembru 1954; Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil P.A. RCP deciza fis- 26 ta' Gunju 2008.**

[5] Cit Nru: 1792/1999PS deciza fit-28 ta' Marzu 2003

*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet 'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et', Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*

*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal-"exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibbilta' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibbilta' ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat; minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni.

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

**Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jsiru u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss**

**u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha nteress li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.**

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et gie** ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat[6]. Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta *si tratta* minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza[7]. Infatti huwa maghruf li *"nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*[8]

**Eadem Res**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited**[9] gie kkonfermat li din ghandha *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

**Eadem causa petendi:**

---

[6] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.
[7] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.

[8] **Vol. XXIX.i.1155**
[9] Cit Nru 1209/00RCP deciza fid-9 ta' Jannar 2002

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-*Prof. Caruana Galizia* f'"Notes on Civil Law" (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based"* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

**Eadem personae:**

Illi dwar l-*eadem personae*, fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[10] il-Qorti qalet li *"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi pero' dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali"*[11].

**Applikazzjoni tal-principju suesposti ghall-mertu tal-eccezzjoni:**

Illi da parti taghhom il-konvenuti jsostnu li l-bazi tal-kawza odjerna hija l-kwistjoni dwar jekk il-konvenut odjern Dean Michael Roche ghandux jitqies li accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin anki ghal dik li hi talba ghar-ritorn tal-minuri b'dana li ghandu jitqies allura li rrinunzja ghad-dritt li jitlob l-istess ritorn u konsegwentement id-Direttur konvenut ma kellux il-jedd ghan-nom tal-istess Dean Roche jippersisti bil-kawza ghar-ritorn.

Illi ma hemmx dubju mill-brani tal-decizjonijiet hawn fuq ikkwotati li kull Qorti b'xi mod jew iehor dahlet f'analizi tal-kwistjoni tal-gurisdizzjoni stante li tqajjmet mill-konvenuta (llum attrici) f'diversi stadji tal-kawza kemm fil-prim-istanza, fl-appell u sahansitra fir-ritrattazzjoni.

[10] PA deciza fit-13 ta' Frar 1958, Vol XLII.ii.917

[11] Vide **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et,** App Civ deciza fit-2 ta' Lulju 1996, Vol LXXX.ii.804

Illi ma hemmx dubju wkoll li fis-sentenza tal-prim'istanza tali lment kif imqajjem mill-konvenuta llum attrici ma nghatax ragun ghalkemm f'dak l-istadju t-talba ghar-ritorn tal-minuri giet michuda. Ma hemmx dubju wkoll li fl-istadju tal-appell dik l-Onorabbli Qorti wkoll dahlet fil-fond dwar dan l-ilment tal-konvenuta llum attrici tant li dahlet anki f'analizi tad-digrieti tal-Qorti tal-Familja kif ukoll tal-eccezzjonijiet tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Familja izda kkonkludiet li ma kienx minnu li l-konvenut kellu jigi kkunsidrat li accetta l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghal dik li hija t-talba tieghu (tramite d-direttur konvenut odjern) sabiex il-minuri jigi ritornat fir-Renju Unit.

Illi fl-istadju tar-ritrattazzjoni l-konvenuta l-ewwel ressqet aggravju dwar il-kwistjoni tal-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni da parti tal-konvenut Roche izda ghazlet li tirtirah u ftit jiem wara nfethet il-kawza odjerna. Nonostante dan dik il-Qorti wkoll fid-decizjoni taghha wkoll dahlet f'analizi tal-kwistjoni dwar gurisdizzjoni mqajjma mill-attrici odjerna u ddikjarat li ghalkemm wiehed ma setax neccessarjament jaqbel mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell il-punt kien li l-kwistjoni kienet fil-fatt giet deciza.

Illi ghal dak li huwa l-element ta' l-*eadem res* u cioe' l-oggett tal-kawza, il-kawza ntavolata mid-Direttur konvenut odjern kienet intiza sabiex jinghata ordni biex il-minuri jigi ritornat lura fir-Renju Unit. F'dik il-kawza l-attrici odjerna qajmet il-punt tal-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin da parti tal-konvenut odjern u dan gie michud. L-oggett tal-kawza odjerna huwa li abbazi tal-pretensjoni tal-attrici odjerna li l-konvenut accetta l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin, jigu annullati l-proceduri mehuda mid-Direttur fejn gie finalment ordnat permezz tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li jigi ritornat il-minuri fir-Renju Unit.

Illi din il-Qorti tqis li ghalkemm il-mod kif l-attrici odjerna ressqet is-sottomissjonijiet taghha huwa ferm ingenjuz fis-sens li hi qed tinsisti l-oggett taz-zewg kawzi mhux l-istess ghaliex wahda kienet titlob ir-ritorn tal-minuri u l-ohra qed titlob in-nullita tal-procedura li ordnat ir-ritorn tal-minuri, il-pern u l-bazi taz-zewg kawzi huwa identiku u cioe' ir-ritorn jew le tal-minuri fir-Renju Unit u dan irrilevantament mill-fatt li fil-kawza tad-Direttur l-attrici odjerna kienet konvenuta filwaqt li fil-kawza odjerna l-partijiet huma bil-maqlub. Fil-kawza ntavolata mid-direttur konvenut intalab li l-minuri jigi ritornat fir-Renju Unit filwaqt li

l-konvenuta f'dik il-kawza ressqet diversi oggezzjonijiet ghal tali talba fosthom l-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin minn missier il-minuri l-konvenut odjern Dean Roche. Fil-kawza odjerna l-attrici qed titlob li ma tigix infurzata d-decizjoni li ordnat li l-minuri jigi ritornat fir-Renju Unit abbazi tal-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin minn missier il-minuri l-konvenut odjern Dean Roche. Idawwarha kif iddawwarha l-oggett tal-kawza jibqa' l-istess cioe' ir-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit. Ghaldaqastant din il-Qorti tqis li l-kriterju tal-*eadem res* jissussisti bejn iz-zewg kawzi ai fini tal-ezami tal-eccezzjoni tar-*res judicata.*

Illi ghal dak li huwa l-element tal-*eadem causa petendi* jirrizulta li fil-kawza msejsa mid-Direttur l-opposizzjoni tal-attrici odjerna ghar-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit, fost ohrajn, kienet l-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin da parti tal-konvenut Roche odjern. Dik il-Qorti ddecidiet dan il-punt kemm fi stadju ta' prim'istanza (ghalkemm irrifjutat ir-ritorn ghal ragunijiet ohra) kif ukoll fi stadju ta' appell fejn iddikjarat skjettement li tali lment dwar l-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin imressaq mill-attrici odjerna ma kienx qed jigi milqugh. Fil-kawza odjerna l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex terga tiftah dan il-punt li gia gie deciz u terga tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li kjarament iddikjarat kontra l-argument tal-attrici odjerna kif isegwi:

*'39. Il-premess juri bic-car li ma kienx hemm akkwijexxenza da parti tal-Missier ghar-ritenzjoni tat-tifel tieghu f'Malta u l-provi juru li, minkejja li fil-proceduri ta' separazzjoni inizjati mill-Omm fil-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] huwa ma kkontestax il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti ghal dawk il-proceduri, izda fl-istess proceduri, permezz tar-risposta prezentata minnu, huwa indika b'mod car li huwa ried li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma tkunx deciza minn dik il-Qorti u kien baqa' jinsisti li t-tifel jigi ritornat lura l-Ingilterra. Jirrizulta ghalhekk car u inekwivokabilment li huwa kellu l-intenzjoni li jkompli jasserixxi d-dritt tieghu ghar-ritorn tal-minuri. Dan johrog car mit-termini tar-risposta guramentata u b'mod partikolarli mill-paragrafu 10 tal-istess risposta.*

*40. Ghaldaqsant dan l-aggravju qed jitqies infondat u qed jigi michud."*

Il-Qorti minn analizi tal-premessi tal-kawza odjerna ma sabet l-ebda bazi ohra ghat-talbiet attrici ghajr in-nuqqas ta' qbil tal-attrici odjerna mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell dwar jekk il-konvenut Roche kellux

jigi meqjus li accetta jew le l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ghal dak li hija t-talba ghar-ritorn tal-minuri lejn ir-Renju Unit u taghmel referenza partikolari ghall-premessa bin-numru 7 tar-rikors guramentat. Huwa minnu li fis-sottomissjonijiet taghha l-abbli difensur tal-attrici qajjem punti ohra li strettament ma ssemmewx fir-rikors guramentat jew ahjar jespandu fuq ir-rikors guramentat izda l-bazi kollha ta' dawn il-punti mqajjma, inkluz it-talba ghar-referenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, tibqa' l-kwistjoni tal-gurisdizzjoni li evidentement gia giet deciza, **<u>minghajr bidla fid-decizjoni fuq il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni din il-kawza ma tistax tkompli.</u>** Il-Qorti ghalhekk tqis li anki l-element tal- *eadem causa petendi* huwa sodisfatt.

Illi finalment dwar l-ahhar element rikjest sabiex tigi gjustifikata l-eccezzjoni tar-*res judicata* u cioe' l-*eadem peronae* l-attrici odjerna tissottometti li l-partijiet fil-kawza precedenti mhumiex l-istess stante li l-missier Dean Roche ma kienx parti fil-proceduri miftuha mid-direttur illum konvenut. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjonijiet stante li huwa ovvju li d-Direttur f'dik il-kawza kien qed jagixxi fl-interess u f'isem l-istess konvenut odjern Dean Roche u dan ai termini tal-konvenzjoni, altrimenti d-Direttur ma kellu ebda raguni ghalfejn jiftah il-kawza ghar-ritorn tal-minuri. Ghandu jitqies ghalhekk li l-partijiet fil-kawzi huma l-istess, tant li fil-kawza odjern gie ndikat il-missier specifikatament bhala konvenut filwaqt li fil-kawza l-ohra kien ir-rapprezentat mid-Direttur. Il-Qorti tqis ghalhekk li anki dan l-element sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* huwa sodisfatt.

**Decizjoni**

Illi l-punt kollu applikabbli ghall-eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti hija li l-bazi tal-kawza odjerna, iddawwarha kif iddawwarha, hija l-kwezit dwar l-accettazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin da parti ta' Dean Michael Roche ghal dik li hija t-talba ghar-ritorn tal-minuri. Din il-Qorti hija sodisfatta li dan il-kwezit gie ampjament deciz fil-kawza fl-ismijiet Direttur ghad-Dipartiment fl-Istandards fil-Harsien Socjali vs. Sharon Rose Roche nee Bellamy (10/2015) u dak li qed jintalab minnha llum mill-attrici odjerna huwa li tagixxi bhala qorti tat-terza istanza u terga' tirrivedi decizjoni li llum hija *res judicata* bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti tista' taqbel jew ma taqbilx mad-decizjoni precedenti b'mod partikolari ma' dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq il-punt tal-

gurisdizzjoni, kif ukoll, din il-Qorti li ghexet il-proceduri ta' separazzjoni sa mill-bidu taghhom, tista' taqbel jew ma taqbilx jekk f'dik id-decizjoni verament tpoggiex fuq quddiem nett l-interess suprem tal-minuri u tispera li d-decizjonijiet ahharija dwar l-istess minuri jittiehdu fl-ahjar interess tieghu u ta' hadd aktar, izda ma tistax f'dan l-istadju tagixxi kontra c-certezza u l-interess pubbliku u ghalkemm verament l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha tinghata applikazzjoni strettissima, fil-kaz odjern ma tqisx li ghandha alternattiva ghajr li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Dean Michael Roche u l-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat u tiddikjara li l-kawza odjerna hija milquta bil-gudikat.

Il-Qorti ghar-ragunijiet kollha suesposti, ghaldaqstant, tghaddi biex tilqa' z-zewg eccezzjonijiet tar-*res judicata* u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza odjerna.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur